MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1499/2001/1

**J & C PISANI LIMITED**

vs

NICHOLSONS THE SUPERMARKET LIMITED, Tonio *sive* Anthony Ċiantar, u AC Holdings (Two) Limited

Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-5 ta' Settembru, 2001, li bih il-kumpannija attriċi ippremettiet:

Illi s-soċjeta' attriċi għandha tieħu mingħand is-soċjeta' konvenuta Nicholsons The Supermarket Limited bħala debitriċi prinċipali kif ukoll mingħand il-konvenuti l-oħra Tonio sive Anthony Ciantar u s-soċjeta' AC Holdings (Two) Limited bħala garanti solidali magħha, is-somma ta' disat elef, mitejn u sitta u sebgħin lira maltin u wieħed u sebgħin ċentezmu (Lm9276.71c) bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' oggetti tal-ikel lilha mibjugħa u konsenjati fl-

istabilimenti tagħha u fuq ordni tagħha stess, skond il-prospett (Dok. B) flimkien mal-imgħax tat-8% mid-data tal-konsenja sal-ħlas effettiv, liema dejn hu ċert, likwidu u skadut;

Illi biex jiggarantixxu l-obbligazzjoni prinċipali, l-ewewl il-konvenut Tonio sive Anthony Ciantar emetta serje ta' "post dated cheques" (Dok. C) li meta ġie prezentat l-ewwel wieħed minnhom instab li ma kienx hemm flus il-bank fil-kont għax l-account kien ingħalaq u għalhekk iċ-cheque ma ġiex onorat u dawn iċ-cheques ġew irtirati minn Tonio sive Anthony Ciantar u ġew minnu sostitwiti minn serje oħra ta' post dated cheques (Dok. D) ukoll iffirmati minnu pero' maħruga fuq il-kont ta' AC Holdings (Two) Limited, li ukoll ġew kollha "Referred to drawer";

Illi fil-fehma tas-soċjeta’ attriċi il-konvenuti m’għandhomx eċċezzjonijiet x’jagħtu kontra t-talba għall-ħlas tal-ammont mitlub u din il-Qorti tista’ tgħaddi biex tiddeċiedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegħ tal-kawża, għat-tenur tal-art. 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Għalhekk is-soċjeta’ attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex:

1. Tiddeċiedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegħ tal-kawża għat-tenur tal-art. 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuti “in solidum” bejniethom iħallsu lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ disat elef, mitejn u sitta u sebgħin lira maltin u wieħed u sebgħin ċentezmu (Lm9276.71c) flimkien mal-imgħax tat-8% mid-dati tal-konsenja sal-ħlas effettiv, bilanċ ta’ somma akbar, prezz ta’ oġġetti tal-ikel mibjugħa u konsenjati fl- istabilimenti tas-soċjeta’ konvenuta Nicholsons The Supermarket Limtied u fuq ordni tagħha u garantit dal- ħlas mill-konvenuti l-oħra;

Bl-ispejjeż kollha komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tal-5 ta’ Lulju, 2001 u dawk tal-mandat ta’ qbid tal-lum stess,

kontra l-konvenuti li jibqgħu inġunti minn issa stess għas-subizzjoni;

**Rat in-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija attriċi, flimkien mal-erba' (4) dokumenti mehmużin magħha;**

**Rat id-Degriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-11 ta' Settembru, 2001, li bih ċaħdet it-talba tal-kumpannija attriċi li tordna s-smigħ bil-proċedura sommarja speċjali;**

**Rat in-Nota mressqa fit-13 ta' Novembru, 2001, li biha l-imħarrkin eċċepew:**

**1. Preliminarjament illi ċ-ċitazzjoni prezentata mis-soċjeta' attriċi hija nulla stante li ma hemmx annessa maċ-ċitazzjoni dikjarazzzjoni guramentata ta' fatti tas-soċjeta' attriċi;**

**2. Preliminarjament ukoll illi AC Holding (Two) Sons Limited u Tonio Ciantar f'ismu proprju m'għandhomx relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' attriċi u għalhekk għandhom jiġu liberati mid-domandi;**

**3. Illi, mingħajr pregudizzju għas-suespost, u jekk din l-Onorabbli Qorti ma taċċettax l-eċċezzjonijiet fuq esposti l-ammont mitlub mhuwiex dak dovut;**

**4. Salvi eċċezzjonijiet oħra;**

**Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin, flimkien mal-ħdax-il (11) dokument mehmużin magħha;**

**Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa fl-14 ta' Diċembru, 2001[1], mill-imħarrkin bi trattazzjoni tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħhom;**

[1] Paġġ. 44-5 tal-proċess

**Rat ir-Rikors imressaq fl-20 ta' Diċembru, 2001[2], li bih il-kumpannija attriċi talbet li titħalla tressaq dikjarazzjoni maħlufa fl-atti tal-kawża;**

**Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fl-20 ta' Diċembru, 2001[3], bi tweġiba tas-sottomissjonijiet magħmulin mill-imħarrkin fin-Nota tagħhom;**

**Rat it-Tweġiba imressqa mill-imħarrkin fl-14 ta' Jannar, 2002[4], li biha opponew li tintlaqa' t-talba tal-kumpannija attriċi li titħalla ddaħħal dikjarazzjoni maħlufa fl-atti tal-kawża;**

**Rat ir-Replika mressqa mill-kumpannija attriċi fit-30 ta' Jannar, 2002[5], għat-Tweġiba tal-imħarrkin;**

**Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin;**

**Rat l-atti kollha tal-kawża;**

**Rat id-Degrieti tagħha tad-19 ta' Frar, 2002, 9 ta' Mejju, 2002, 6 ta' Ġunju, 2002, 24 t'Ottubru, 2002, u 30 ta' Jannar, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għad-deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni preliminari u għall-provvediment dwar it-talba tal-kumpannija attriċi maħmul fir-rikors tagħha tal-20 ta' Diċembru, 2001;**

*Ikkunsidrat:*

Illi din hija kawża għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata. Il-kumpannija attriċi fetħet din il-kawża bil-proċedura sommarja speċjali. Flimkien mal-att taċ-Ċitazzjoni, il-kumpannija ressqet dikjarazzjoni maħlufa f'għamla ta' affidavit, u n-Nota tax-Xiehda tagħha, flimkien ma' għadd ta' dokumenti. Wara li

[2] Paġġ. 46-7 tal-proċess
[3] Paġġ. 50-1 tal-proċess
[4] Paġġ. 53-5 tal-proċess
[5] Paġġ. 58-9 tal-proċess

t-talba għas-smigħ tal-kawża bil-proċediment sommarju ma ntlaqgħetx[6], il-kawża ssoktat timxi bil-proċediment ordinarju;

Illi, għat-talba attriċi, l-imħarrkin laqgħu, fost l-oħrajn, billi qalu li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex mal-att taċ-Ċitazzjoni ma tressqitx Dikjarazzjoni maħlufa kif trid il-liġi[7];

Illi m'hemm l-ebda kontestazzjoni għall-fatt li l-kumpannija attriċi ma ressqitx Dikjarazzjoni maħlufa mal-att taċ-Ċitazzjoni, fis-sura normalment imressqa f'ċitazjonijiet li magħmulin taħt il-proċedura ordinarja. Minflok, ressqet affidavit. Għall-ewwel, il-kumpannija attriċi saħqet li l-affidavit hu l-istess bħad-dikjarazzjoni li trid il-liġi, għaliex fih l-istess fatti li jkun fiha d-dikjarazzjoni. Imma, wara, sostniet ukoll li hija tista' tagħmel tajjeb għan-nuqqas tagħha tal-bidu billi titħalla tressaq Dikjarazzjoni fl-att tal-kawża. Hija ttenni li dan tista' tagħmlu għaliex il-liġi tippermetti li jsir dan[8];

Illi l-imħarrkin ma jaqblux u jgħidu li jekk kemm-il darba l-att oriġinali ma kienx jiswa, ma jista' jsir xejn biex isewwih u jagħmlu jiswa: il-liġi ma kinitx taħseb għal-bidliet f'atti ġudizzjarji li jġibuhom jiswew jekk fil-bidu ma kinux;

Illi huwa sewwasew dwar dawn iż-żewġ kwestjonijiet li qegħda tingħata din is-sentenza. Għalhekk, fl-ewwel lok, wieħed irid jara jekk ċitazzjoni mressqa mingħajr Dikjarazzjoni maħlufa tiswiex, u, fit-tieni lok jekk nuqqas bħal dak jistax jiġi rranġat billi titħalla tiddaħħal Dikjarazzjoni fl-atti tal-kawża biex tagħmel tajjeb għal nuqqas bħal dak;

Illi l-każijiet li fihom l-eċċezzjoni tan-nullita' ta' atti ġudizzjarji jistgħu jingħataw huma dawk imsemmija fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

---

[6] Pa[. 23 tal-pro`ess
[7] Art. 156(3), l-ewwel proviso tal-art. 167(1) u l-art. 167(3) tal-Kap 12
[8] Art. 175(1) tal-Kap 12

Illi l-erba’ (4) ċirkostanzi msemmija f’dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eċċezzjoni ta’ nullita’ ta’ att ġudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa’ taħt il-parametri ta’ xi waħda mill-imsemmija ċirkostanzi;

Illi, minbarra dan, bis-saħħa tal-bidliet li saru fil-liġi bl-Att XXIV tal-1995, l-eċċezzjoni ma tirnexxix lanqas (fejn mhix imsejsa fuq il-ħruġ tal-att ġudizzjarju minn qorti li mhix kompetenti) jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-ligi. Tifsira tajba ta’ din id-dispożizzjoni, flimkien ma’ l-isfond li fih il-leġislatur wera li ried iqegħdha, hija mogħtija f’sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet *Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino*[9];

Illi, f’dan il-każ, il-liġi qegħda tagħmel riferenza għall-bidliet illi jistgħu jsiru f’att ġudizzjarju bis-saħħa tal-artikoli 164(2) u 175 tal-Kapitolu 12, ukoll kif mibdulin fl-1995;

Illi l-liġi tipprovdi ukoll li att ġudizzjarju, magħmul bis-saħħa ta’ att null jew li ġej minn att null, huwa null ukoll[10];

Illi għalkemm l-imħarrkin ma semmewx taħt liema sub-inċiż tal-artikolu 789 qegħdin iressqu l-eċċezzjoni tagħhom taħt eżami, huma jsemmu n-nullita’ tal-Att taċ-Ċitazzjoni, u dan billi ma ġietx imħarsa l-forma meħtieġa fl-att imressaq mill-kumpannija attriċi. Minn dak li semgħet u qrat il-Qorti waqt it-trattazzjoni u minn dak li ngħad iżjed ‘il fuq, din l-eċċezzjoni jidher li hija għalhekk imsejsa fuq il-paragrafi (ċ) u/jew (d) tas-sub-inċiż (1) tal-artikolu 789 tal-Kap 12;

Illi, kif ingħad f’għadd ta’ deċizjonijiet tal-Qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullita’ mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f’tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta’ partikolarita’ essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux “sempliċi” ksur tal-forma preskritta[11];

---

[9] **28.1.1998** (Kollez. Vol.: **LXXXII.ii.30**)
[10] Art. 98 tal-Kap 12
[11] Ara, per eżempju, P.A. CS **4.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri***

Illi m'hemmx dubju li att taċ-Ċitazzjoni mressaq mingħajr ma jkun hemm mehmuża miegħu dikjarazzjoni maħlufa li hija espressament mitluba mil-liġi huwa att null fil-forma. Fil-każ ta' proċedura sommarja speċjali, iżda, sal-1995, id-dikjarazzjoni maħlufa ma kinitx meħtieġa *ad validitatem*: minflokha kienet tagħmel tajjeb stqarrija maħlufa mill-attur fit-termini li kienet tistabilixxi l-liġi sa dak iż-żmien. Bil-bidliet li seħħew fil-liġi fl-Att XXIV ta' dik is-sena, l-istqarrija maħlufa ma baqgħetx id-dokument essenzjali li kien qabel, imma ddaħħal l-obbligu li titressaq Dikjarazzjoni maħlufa bħal fil-każ ta' kull att taċ-Ċitazzjoni ieħor fejn il-proċedura m'hijiex dik tas-smigħ sommarju speċjali;

Illi, fl-imgħoddi, kien hemm sentenzi ta' dawn il-Qrati li stabilew li att taċ-Ċitazzjoni mressaq mingħajr ma jkollu mehmuża miegħu d-Dikjarazzjoni maħlufa mhux biss huwa att null, imma att insanabbli. Din il-fehma kienet tnisslet għaliex id-Dikjarazzzjoni dejjem tqieset bħala element kostitutiv tal-att taċ-Ċitazzjoni nnifsu;

Illi l-attriċi tagħmel parti mhux traskurabbli mill-argument tagħha kontra l-eċċezzjoni tal-imħarrkin jistrieħ fuq il-fatt li għadd kbir ta' ċitazzjonijiet imressqin (ukoll wara l-bidliet fil-liġi fl-1995) bil-proċedura sommarja speċjali ma ġewx dikjarati nulli, u li saħansitra ngħataw bis-saħħa tagħhom sentenzi favorevoli għall-atturi. Bħal donnu l-argument li trid tagħmel il-kumpannija attriċi hu fis-sens li la dawk għaddew, din għandha tgħaddi magħhom. Il-Qorti, bl-akbar rispett, ma tistax taqbel ma' argument bħal dan, għaliex il-każ li għandha quddiemha huwa dan, u l-eċċezzjoni preliminari dwar is-siwi tal-att tressqet hawn. Kien ikun iżjed utli, forsi, kieku l-kumpannija attriċi semmiet każijiet fejn ingħataw deċiżjonijiet favorevoli għat-teżi tagħha u fejn eċċezzjoni bħal din imqanqla mill-imħarrkin ġiet imwarrba. Fis-sewwa jrid jingħad li s-soluzzjoni tal-kwestjoni tinsab f'eżami ta' dak li trid jew tippermetti l-liġi u mhux f'kemm-il darba l-liġi ma ġietx imħarsa. Fil-qasam tal-proċedura, wieħed ma jistax jargumenta bil-kejl tal-użu, d-deswetudini jew id-drawwa, jekk ma jridx jiftaħ il-bieb għall-anarkija tar-rit;

**Illi, min-naħa l-oħra, huwa prinċipju wkoll li, fi kwestjonijiet ta' forma tal-att, għandha tapplika l-massima *ut magis res valeat quam pereat*, u għalhekk, fejn jista' l-att li bih tinġieb 'il quddiem kawża (u, għalhekk b'konsegwenza t'hekk, il-kawża nnifisha) għandu jiġi salvat jekk kemm-il darba biex tagħmel dan ma tiksirx xi vot espress tal-liġi[12];**

**Illi bħala kriterju ta' meta n-nullita' ta' att ġudizzjarju hija s-sanzjoni applikabbli għal att li jkun nieqes mill-validita', il-Qorti taqbel ma' dik il-linja ta' deċiżjonijiet tal-qrati tagħna li tgħid li biex is-soluzzjoni tan-nullita' ta' att tiġi applikata jeħtieġ li jirrikorru l-elementi tal-inevitabilita' tan-nullita' li ma tistax tiġi injorata mingħajr ma toħloq preġudizzju gravi għall-parti li lilha jkun indirizzat dak l-att[13];**

**Illi hija daqstant siewja u f'lokha dik il-bixra ta' deċiżjonijiet li tqis li filwaqt li l-formaliżmu fl-atti tal-qorti għandu jitnaqqas għal dak li huwa tassew meħtieġ, fejn hemm liġi li hija ċara u espressa dawn il-formalitajiet m'għandhomx jiġu mwarrba għal xejn b'xejn u bla konsegwenzi[14]**;

Illi, mal-medda tas-snin, issawret it-tejorija magħrufa bħala "tal-ekwipollenti" li nisslet il-prinċipju li m'hijiex meħtieġa l-ebda għamla tassativa ta' forma għall-proposizzjoni ta' azzjoni[15], b'mod li Ċitazzjoni għandha titwaqqa' biss għal raġunijiet gravi[16];

Illi jrid jingħad ukoll li fil-każ ta' nullita' fejn hemm ksur tal-forma meħtieġa, il-liġi tipprovdi[17] li din l-eċċezzjoni tintlaqa' fejn, għalkemm il-ksur ma jkunx taħt piena ta' nullita', ikun ġab lill-parti li ressqet l-eċċezzjoni preġudizzju li ma jistax jitneħħa jekk mhux billi l-att jiġi annullat;

---

[12] Ara App. **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Portelli vs Dr. R. Farruġia*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.1307**)
[13] App. Ċiv.: **14.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Borġ et vs Alice Grech et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.368**)
[14] Ara, per eżempju, App.: **31.5.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Saviour Falzon vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar noe***
[15] P.A. : **9.3.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***M. Muscat noe vs Dr. J. Cassar et noe***. (Kollez. Vol: **XLIX.ii.809**) u s-sentenzi hemm imsemmija
[16] App. Ċiv**.: 20.2.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***R. Merola pro et vs S. Caruso*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.106**)
[17] Art. 789(1)(ċ)

**Illi jkun sewwa li jingħad li meta saru l-aħħar bidliet fl-artikolu 798 tal-Kap 12, l-iżjed bidla siewja li saret kienet fiż-żieda tal-proviso għall-ewwel sub-artikolu tiegħu. Hemmhekk, għall-ewwel darba, jingħad li l-eċċezzjoni tan-nullita' imressqa taħt xi waħda mit-tliet ċirkostanzi maħsubin taħt il-paragrafi (a), (ċ) jew (d) ta' dak is-subartikolu (sewwasew bħal fil-każ taħt eżami) ma tkunx tista' tingħata jekk in-nuqqas jew ksur jista' jissewwa taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi;**

**Illi l-bidliet li l-liġi tħalli li jsiru huma jew dawk li jikkonsistu <u>fil-bidla ta' att ġudizzjarju b'ieħor</u>, jew inkella <u>f'bidliet f'att ġudizzjarju li diġa' tressaq</u>. Il-kwestjoni li tqum hija jekk <u>in-nuqqas ta' att jew parti minnu</u> jistax jimtela b'att sostituttiv. Il-Qorti hija tal-fehma li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 175 tal-kap 12 jippermettu wisgħa kbira ta' bidliet li jistgħu jsiru fl-atti ġudizzjarji mressqa, sakemm dawn il-bidliet ma jolqtux in-natura tal-azzjoni, jew l-eċċezzjonijiet fil-mertu, jew sakemm il-bidla ma tkunx qegħda tittanta biex iġġib fis-seħħ att ġudizzjarju li ma kienx jeżisti[18];**

Illi wieħed għandu jgħaddi issa biex jifli l-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru fid-dawl tal-fatti li jirriżultaw minn dan il-każ. Il-Qorti qieset sewwa s-sottomissjonijiet magħmulin mill-partijiet, senjatament dwar is-siwi ewlieni li d-dikjarazzjoni għandha bħala att kostitutiv tal-Att taċ-Ċitazzjoni. Ftit li xejn issemma, madankollu, dwar l-aspett tal-preġudizzju li l-imħarrkin jista' jitqies li qegħdin iġarrbu minħabba li, minbarra l-affidavit, ma tressqitx ukoll id-dikjarazzjoni maħlufa. Fil-fehma tal-Qorti, huwa dan il-punt kruċjali kollu li jrid jiġi mifli. L-argumenti l-oħrajn kollha jistgħu jibqgħu jitqanqlu sa l-aħħar tad-dinja mingħajr ma wieħed jista' jagħti raġun assolut lil parti l-waħda jew lill-oħra f'dak li qegħda tgħid. Imma, billi fid-dawl tal-artikolu 789(1)(ċ) tal-Kap 12 jidher li fuq kollox irid jitqies l-aspett tal-preġudizzju, l-leġislatur donnu jrid li jekk, minkejja xi nullita' formali, tali

[18] Ara s-sentenza ta' din il-Qorti tad-**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Harry Vassallo noe vs Il-Prim Ministru et***

preġudizzju ma jidhirx, l-eċċezzjoni tan-nullita' m'għandhiex titqies mistħoqqa;

Illi din il-Qorti fliet kemm is-sottomissjonijiet tal-imħarrkin u kif ukoll il-possibilita' li, bin-nuqqas minnhom lamentat, jistgħu ibatu xi żvantaġġ milli jiddefendu kif imiss il-kawża tagħhom. Minn dak kollu li jidher fl-atti ma jirriżulta xejn minn dan lil din il-Qorti. Għall-kuntrarju, l-imħarrkin ressqu eżżezzjonijiet kemm proċedurali u kif ukoll fil-mertu li bihom urew li għandhom każ biex jirribattu l-pretensjonijiet attriċi u li ma sofrew xejn minħabba n-nuqqas formali tad-dikjarazzjoni maħlufa. Dan ifisser li t-tħassir tal-att taċ-Ċitazzjoni m'huwiex ir-rimedju waħdieni biex jitneħħa xi preġudizzju għall-imħarrkin li, fil-fatt, ma jeżistix. Dak li kellha f'moħħha l-kumpannija attriċi dwar dak li qalet fl-Att taċ-Ċitazzjoni, intwera u ngħad <u>debitament ġuramentat ukoll</u> fl-affidavit ta' John Pisani, u l-imħarrkin setgħu u fil-fatt irribattew dak li jingħad fih permezz tan-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħhom;

Illi dwar is-setgħat li għandha l-Qorti biex tħalli li jiddaħħlu bidliet f'atti ta' kawża skond l-artikolu 175, jista' jingħad li, minbarra li dawn huma wesgħin, huwa espressament provdut ukoll li Qorti tista' "tordna s-sostituzzjoni ta' xi att" jew saħansitra "jiddaħħlu ħwejjeġ oħra .... ta' dritt, ukoll permezz ta' nota separata". Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-provvediment mitlub mill-kumpannija attriċi fir-rikors tagħha tal-20 ta' Diċembru,2001;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrkin, u tiddikjara li l-azzjoni attriċi tiswa għaliex ma ntweriex li bin-nuqqas formali huma qegħdin ibatu preġudizzju li ma jistax jitneħħa jekk mhux bit-tħassir tal-att taċ-ċitazzjoni;

**Tipprovdi dwar ir-rikors** tal-kumpannija attriċi tal-20 ta' Diċembru, 2001, billi tilqa' t-talba u tħalli li d-Dikjarazzjoni mehmuża miegħu titressaq fl-atti tal-kawża bħala d-dikjarazzjoni mehmuża mal-Att taċ-Ċitazzjoni;

Fiċ-ċirkostanzi, taqta’ li **l-ispejjeż** ta’ dan l-episodju jitħallsu mill-kumpannija attriċi; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi fil-mertu, u dan kemm dwar it-talbiet attriċi u kif ukoll biex tiġi indirizzata t-tieni eċċezzjoni mqanqla mill-imħarrkin dwar min għandu jwieġeb għall-pretensjonijiet attriċi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------